**MINUTI**

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 13/2020**

**Il-Ħamis, 28 ta' Mejju 2020**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' b'mod *online* permezz ta' *video conference* skond Direttiva Nru 02/2020 maħruġa mid-Dipartiment għal Gvern Lokali, fil-5.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

### 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

13.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

### 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

13.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 12/2020 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

13.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

13.2.3 Ma kienx hemm korrezzjoni għall-minuti.

13.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.3.1 Is-Sindku beda billi awgura lis-Soċjetà Filarmonika Santa Marija f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mit-twaqqif tagħha. Hu tenna li l-banda għamlet progress u unur lir-raħal tagħna. Hu talab biex tintbagħat kartolina. Kien hemm qbil.

13.3.2 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li s-sitwazzjoni dwar il-COVID-19 donnha ġejja għall-aħjar. Hu appella lir-residenti biex jibqgħu sejrin kif huma sejrin. Hu appella lil kull min iżur il-Kunsill, biex jilbes maskla jew *visor*.

13.3.3 Is-Sindku tenna li reġa' wasal Sajf ieħor magħna u reġgħet magħna l-

problema ta' l-għawn tal-klieb. Fuq is-sit *LovinMalta* rreklamaw il-bajja tax-Xwejni bħala *dog friendly* u ġabu r-ritratt tax-Xwejni. Żmien ilu kienet inġabret ukoll petizzjoni. Is-Sur Daniel Cordina qal li minn sena għal oħra, il-Kunsill mhu qed jagħmel xejn fuq din il-problema u l-Kunsill messu juri li mhux jaċċetta li din iż-żona tagħmel parti mill-bajjiet *dog friendly.* Jekk hemm bżonn anke nieħdu parir legali fuq din. Il-Viċi Sindku Dott Marlene Cini stqarret li fuq il-medja qegħdin jirreklamaw ħażin. Is-Sur Baskal Saliba ssuġġerixxa biex jitwaħħlu t-tabelli. Is-Sur Daniel Cordina ssuġġerixxa biex tinħareġ stqarrija fuq il-paġna tal-Kunsill, li l-Kunsill mhux jaċċetta li għawm fil-bajja turistika tagħna. Is-Sur Nicky Saliba wieġeb x'jwieġeb il-Kunsill jekk isaqsuna? Is-Sinjura Sandra Grech qalet li kullimkien qed ikun hemm il-klieb u dan mhux sew. Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jitkellem mal-Ministeru tal-Agrikoltura, Sajd u drittijiet ta' l-Annimali. Kien hemm qbil li tintbagħat talba lil Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u drittijiet ta' l-Annimali u nfemhuhom is-sitwazzjoni tal-Kunsill.

13.3.4 Is-Sindku kompla billi qal li matul dan l-aħħar xahar, saru diversi xogħlijiet li kienu approvati mill-kunsill. Tranġat il-latrina pubblika ta' Taħt ix-Xifer. Inżebaħ iċ-ċint u fejn kien hemm bżonn mad-dawra tal-*pitch* tal-boċċi u t-taraġ. Sar ukoll xogħol ta' manutenzjoni fuq is-*slipway* tal-qbajjar. Fuq din, hu qal li jiddispjaċih għal ċertu kliem li ntqal u r-rapporti li saru għax intuża siment fil-baħar; jew għax l-*islipway* saret biex is-Sindku jniżżel id-dgħajsa. Kien hemm min feraħ li ġew il-Pulizija jwaqqfu x-xogħlijiet. Hu tenna li vera ġew u ġew anke ta' l-ERA; imma wara li tkellem magħhom, kollha tawna raġun u faħħru li x-xogħol ġie sew. Hu kompla billi qal li tajjeb ifakkar li bħala Sindku kien informa lil Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri fuq ix-xogħlijiet ta' l-*islipway* li huma urġenti billi hemm dik tal-Menqa magħluqa. Il-Kunsill talab lil Ministeru għal madwar 15-il jarda konkos C30 u l-Kunsill se jħallas iż-żejt u l-kimika għal ġol-baħar. Kien hemm qbil fuq dan. Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba qal ukoll li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqa' ma' uffiċjali ta' Transport Malta fuq it-tender li se joħroġ minn Transport Malta stess fuq l-*slipway* tal-Qbajjar. Tkellmu kif l-*islipway* tista' tiġi aħjar biex jiġu varati d-dgħajjes. Din ser issir bil-planki. Is-Sur Baskal Saliba informa lil dawk preżenti jistax isir xi ħaġa biex jimtlew it-toqob fil-planki ta' l-*islipway* tax-Xwejni għax is-siment qed jinqala. Is-Sindku wieġeb biex naraw il-Kunsill x'jista' jagħmel.

13.3.5 Is-Sindku kompla billi semma l-Latrina pubblika tax-Xwejni. Hu qal li qed jirċievi diversi ilmenti speċjalment mill-Ministeru tas-Saħħa għax ma jistgħux jinġabu *mobile toilets*. Hu kompla li x'ħin il-Kunsill beda jimbotta lill-ħaddiema tal-Kunsill biex imexxu, il-Kunsill kważi ma sab lil ħadd. Il-ħaddiem tad-dawl u l-ilma kull ma għamel katusa, għamilha ħażin u kellha terġa' tinqala. Is-Sindku qal li l-ħaddiem li kien jaħdem mal-Kunsill, is-Sur Luke Zammit Haber twaqqaf u m'għadux jaħdem mal-Kunsill. Dan il-ħaddiem fl-aħħar spiċċa li beda joffendi, kliem ta' sfida u kliem dispreġġattiv fil-konfront tiegħu u tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Daniel Cordina wieġeb li ma jaċċetta qatt li ħaddiem jagħmel hekk lil xi ħadd mill-Kunsill jew mill-kunsilliera. Għalhekk il-Kunsill spiċċa kellu jqabbad kuntrattur privat biex jipprova jeħles malajr. Hu kompla billi qal li issa jmiss li jitwaħħlu l-bibien ta' l-aluminium u dawn ser isiru minn Ġanni Cini. Hu fakkar li l-latrina ma' tistax tinfetaħ qabel mal-Kunsill iġib il-*complaince certificate* tal-PA u l-approvazzjoni tas-CRPD.

13.3.6 Is-Sindku semma wkoll li nżebaħ iċ-ċint ta' fejn hemm il-melħ sa Ras ir-Reqqa, u dan ix-xogħol sar mis-Sur Pawlu Caruana. Is-Sur Nicky Saliba ssuġġerixxa biex jinkesa ukoll iċ-ċint fejn joqgħodu bil-qegħda n-nies, li hemm fix-Xwejni quddiem il-gabbana. Is-Sur Daniel Cordina tenna li kieku jkun għaqli li jsir isfel ukoll. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien għamel talba lill-Ministeru, imma sa llum għadu bla risposta. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li dan ix-xogħol isir mill-Kunsill. Is-Sur Baskal Saliba ssuġġerixxa biex jitwaħħlu tabelli biex in-nies iżommu d-distanza bejniethom. Is-Sindku kompla billi informa lil dawk preżenti li sar ukoll xogħol ta' *patching* fi Triq is-Sagħtrija u Triq ix-Xwejni. Hu qal li twaħħlu u tlestew ukoll is-sistemi tas-CCTV *cameras* ħdejn l-iskips ġewwa Marsalforn.

13.3.7 Is-Sindku informa li ħareġ it-tender għax-xogħol tad-dawl u l-irrigazzjoni għal-Playingfield taż-Żebbuġ. It-tender tal-*play equipment* kienet ġa ħarġet is-sena li għaddiet u se jsiru ukoll mill-fondi tal-UIF. Is-Sindku informa li x-xogħlijiet fuq il-Ġnien pubbliku fi Triq Santa Marija beda miexi ukoll u fil-jiem li ġejjin għandhom joħorġu t-tenders li fadal tal-UIF. Kien hemm qbil li għall-bord tat-tender għax-xogħlijiet tad-dawl u l-irrigazzjoni jinħatru l-membri tas-soltu.

13.3.8 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li avviċinawh membri mill-klabb tal-

futbol u ġibdulu l-attenzjoni, biex taħt il-klassijiet, il-*pitch* tal-boċċi issir madwar erba' piedi il bogħod minn mal-ħajt biex jinħoloq passaġġ biex min irid jidħol fil-kamra fuq wara, u ma joqgħodx jgħaddi minn ġewwa. Is-Sur Daniel Cordina tenna li din kienet ġa tressqet fil-Kunsill l-ieħor. Is-Sindku qal ukoll li l-*pitch* tal-boċċi se jinzel livell mat-triq biex ma' jkunx hemm problema ta' l-ilma tax-xita. Hu qal li se jippruvaw jitneħħew it-turġien. Il-Viċi Sindku Dott Marlene Cini staqsiet il-*pitch* tal-boċċi hux ser jissaqqaf. Is-Sindku wieġeb li iva, u hi waħda mir-raġunijiet se jinżel livell mat-triq, u anke biex ma' tiġix aktar ogħla mill-klassijiet. Kien hemm qbil. Is-Sur Daniel Cordina tenna li hemm kellhom problema li jidħol l-ilma tax-xita, u hekk din il-problema se tissolva darba għal dejjem. Il-Viċi Sindku staqsiet fuq is-sistema ta' l-irrigazzjoni. Is-Sur Sindku tenna li għandu jitla' l-Perit biex jara l-livelli u fejn ser tiġi l-ġiebja.

13.3.9 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li tranġat ukoll il-problema tal-ħajt fi Triq ~~Ħal~~ Sagħtrija li kien ta' periklu li se jaqa'. Is-Sindku qal, li kif kien ġa avżahom darba s-Sibt, twitta il-Wied ta' l-Ażż. Is-Sur Daniel Cordina staqsa fadal madwar ħames piedi hemm hekk biex titkompla. Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba wieġeb, li r-residenti qegħdin jitolbu għat-triq kollha. Is-Sinjura Sandra Grech qalet li ġewwa Marsalforn hemm aktar toroq importanti minn din biex isiru. Fuq it-Triq Ħabel it-Twil, is-Sindku nforma li għamel kuntatt ma' l-Inġinier tal-Water Services minħabba l-problema tal-*pipe* ta' l-ilma. Hu qal li l-Inġinier aċċetta li jgħaddu l-*pipe* ta' l-ilma bi spejjeż tagħhom. Il-Kunsill kemm jagħmel trinka madwar filata fonda u jitpoġġa dan il-*pipe*. Is-Sindku kompla li din it-triq fi stat ħażin u rridu naraw hux se jagħmilha l-Ministeru u hemm bżonn li nerġgħu nibgħatulhom. Hu kompla billi qal li l-Kunsill ġa għamel pass billi sab ftehim mal-*Water Services*. Is-Sur Daniel Cordina qal li jaqbel li l-Kunsill jibgħat lil Ministeru, imma jekk ma jtunix, ikun hawn ftehim li l-Kunsill ikun ġa ddeċieda u tkun ġa mgħoddiha. Il-Viċi Sindku stqarret li bħalissa l-Kunsill mhux f'posizzjoni li jagħmilha. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu lil Ministeru u naraw x'jista' joffri. Is-Sur Daniel Cordina staqsa x'se jsir fuq il-biċċa triq li tagħti għal Triq Ħabel it-Twil. Is-Sindku wieġeb li jista' jraqqaha l-Kunsill.

13.3.10 Is-Sindku semma' Triq Santa Marija, speċjalment quddiem il-Promenade. Il-Kunsill bagħat *email* lil Ministeru u għadna bla risposta. Il-Viċi Sindku wieġbet li bħalissa tal-Ministeru qed jagħmlu xi xogħlijiet

f'Mġarr ix-Xini u wara se jibdew Triq Santa Marija. Is-Sur Daniel Cordina qali li importanti li ssir bit-tarmac biex il-Kunsill ma jaqlax aktar kritika. Dott. Cini wieġbet li ma tafx x'ser isir. Is-Sur Daniel Cordina wieġeb li fejn jgħaddu l-karozzi għandha tiġi bit-*tarmac*. Is-Sur Nicky Saliba tenna li dawk l-għoxrin pied bit-*tarmac* imbagħad il-ġnub jingħataw l-konkos. Is-Sur Baskal Saliba qal importanti li mqar jgħaddu żewġ karozzi komdi. Il-Viċi Sindku tenniet li aħjar nirringrazzjaw lil Ministeru. Is-Sur Cordina tenna li għandna nirringrazzjaw lil Ministeru ta' dak li jtina, imma nwasslulhom is-suġġeriment għax il-konkos għal triq prinċipali fil-lokalita' tagħna ma jagħmilx ġieħ lil lokalita'. Il-Viċi Sindku wieġbet li ħadd ma' qal li se jagħmluha bil-konkos.

13.3.11 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li saret talba lil Ministeru biex isir *railing* f'Taħt ix-Xifer biex ma' jerġax ikun hemm xi aċċident ieħor ta' xi karozza li taqa'. Il-Ministeru laqa' t-talba tal-Kunsill u għandu jsir.

13.3.12 Is-Sindku informa li Triq il-Qbajjar u Triq ir-Rabat waslu għal *patching* urġenti. F'dawk it-toroq ma tistax tagħmel konkos għax il-ħin kollu għaddejjin il-karozzi. Is-Sur Baskal Saliba qal biex ma ninsewx ukoll Triq ix-Xagħra hemm xi ħofor żgħar. Is-Sindku wieġeb li biex nagħmlu l-*patching* se titla' spiża kbira u bħala Kunsill m'għandniex minn fejn isiru. Issuġġerixxa li nerġgħu nibgħatu talba lil Ministeru biex jagħtina l-*patching* u l-Kunsill isib xi nies biex iferrxuh. Is-Sinjura Sandra Grech qalet li dan għandu jsir qabel ma' Triq il-Qbajjar tingħalaq *One Way*. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill ġa għamel din it-talba u ntbagħtu ritratti imma għadu ma sar xejn. Is-Sur Daniel Cordina stqarr li żmien il-*patching* spiċċa, u issa wasal żmien il-*pavor*. Hu kompla li lanqas jaqbel li l-Kunsill jidħol fi spiża ta' xi €50,000 għal erba' ġimgħat u jerġa jinqala. Is-Sur Baskal Saliba qal li min-naħħa l-oħra lanqas hu sewwa li r-residenti nħalluhom hekk. Is-Sur Daniel Cordina qal li minħabba l-fatt li l-Kunsill ma' jiflaħx għal din l-ispiża, jappella lil kunsilliera sħabu biex jagħmlu pressjoni mal-Ministeru biex jirranġa dawn it-toroq. Is-Sur Daniel Cordina ssuġġerixxa bħala Kunsill jistax jagħmel biċċa minn Triq ix-Xagħra, triq dejqa u żewġ pulzieri kollox. Is-Sindku wieġeb biex nagħmlu laqgħa mal-Ministru għal Għawdex u nsemmu dawn it-toroq. Kien hemm qbil li tintbagħat talba lil Ministeru għal-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex.

13.3.13 Fuq Triq il-Qbajjar biex issir *One Way,* is-Sur Nicky Saliba qal li fil-

fehma tiegħu għadu kmieni biex tingħalaq. Is-Sur Daniel Cordina qal li għalissa nħalluha kif inhi għax għad ma hemmx saħħa ta' traffiku u hekk tevita t-tgergir ta' Triq Santa Marija. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li din it-triq ma tiġix *One Way* fl-1 ta' Ġunju.

13.3.14 Fuq Triq iż-Żebbuġ, is-Sindku qal li l-Kunsill ġa kien bagħat talba lil-Ministru għal Għawdex preċedenti fuq is-sitwazzjoni ta' din it-triq. Billi nbidel il-Ministru, issuġġerixxa biex nagħmlu talba lil Ministeru għal Għawdex fuq is-sitwazzjoni ta' din it-triq qabel ma' jkun hemm xi inċident. Kien hemm qbil.

13.3.15 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li tranġa l-ħajt tas-sejjieħ fi Triq Għajn Mhelhel, li sar magħruf bħala l-ħajt tas-sindku. Fakkar li dan kien approvat mill-Kunsill. Is-Sindku qal li hemm xi ħadd qed jipprova jdaħħal dembu, jew baqa' xi dudu jipprova jwassal xi messaġġ biex ikisser il-Kunsill. Hu kompla billi qal li ġie mweġġa ħafna b'dan il-ħajt, kemm hu u anke l-familja tiegħu. Is-Sur Daniel Cordina tenna li dak il-ħajt kien resaq ukoll fil-kunsill ta' qabel. Is-Sur Cordina kompla billi qal li kellmuh residenti u faħħru dan il-ħajt. Hu ta l-prosit lil Kunsill ta' l-inizjattiva li ħa biex isebbaħ il-lokalita'. Kull xogħol ta' tisbieħ li jsir fil-lokalita', kulħadd se jgawdi minnu.

13.3.16 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba nforma li waqt il-laqgħa tar-Reġjun, tkellem fuq l-infurzar ta' l-iskart u talab għal aktar infurzar ta' pulizija ġewwa Marsalforn. Hu staqsa jekk il-latrini pubbliċi humiex se jingħalqu. Ir-Reġjun kellu jibgħat lil Ministeru tas-Saħħa.

13.3.17 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza mir-Reġjun Għawdex dwar *Proposta għall-Offerti Reġjonali - Contracts Manager u Preventive & Routine Maintenance Contractor responsabbli*. Hu qal li r-Reġjun se joħroġ tender tal-bozoz fuq livell reġjonali. Hu kompla billi qal li fil-każ tal-Kunsill tagħna, qed nistennew ħafna biex ninqdew. Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill, fejn jidħol *decorative lighting*, ix-xogħol ma' jkunx marbut ma' kuntrattur jew tender wieħed. Aħjar ikollna tender tagħna u jkun ikkontrollat mill-Kunsill fejn jidħol fanali dekorattivi. Imma rridu naraw Kunsill oħrajn x'ser jagħmlu. Jekk jaqblu kollha, l-Kunsill ikollu jingħaqad magħhom. Il-Kunsill irid jibgħat risposta sad-19 ta' Ġunju 2020. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li fejn jidħol *decorative lighting*, ix-xogħol ma' jkunx marbut ma' kuntrattur jew tender wieħed.

13.3.18 Is-Sindku nforma lil Kunsill li kienet twaħlet tabella mill-Kunsill ta' qabel biex ma jsirx xorb fil-ħġieġ fil-ġnien ta' Triq il-Wied. Il-Pulizija ta' Marsalforn għamlu kuntatt mal-Kunsill biex jaraw hemmx xi *bye law* biex jaraw jistgħux jagħtu ċitazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill qatt ma ħareġ *bye law* ta' dan it-tip. Is-Sur Daniel Cordina tenna li bħala Kunsill jista' jagħmel it-talba. Il-Viċi Sindku tenniet li rridu naraw liema żoni se tkopri. Is-Sur Daniel Cordina ssuġġerixxa li ssir ġo *public areas* bħal *playingfields.* Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba tenna biex noqgħodu attenti fejn issir. Wara diskussjoni kien hemm qbil bejn dawk preżenti biex nieħdu parir mill-Avukat tal-Kunsill.

13.3.19 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li s-Sibt ta' qabel filgħaxija rċieva rapport li fi Triq il-Port saret trinka bla permess, u ngħadda *cable* tad-dawl. Hu qal li nforma l-Pulizija.

13.3.20 Is-Sindku informa lil Kunsill li l-iskema tal-Librerija ġiet estiża sa' l-aħħar ta' Diċembru minħabba l-kwistjoni tal-pandemija COVID-19 li qegħdin fiha.

13.3.21 Is-Sindku staqsa x'ser isir fuq il-korsijiet tas-Sajf li jorganizza l-Kunsill. Hu ssuġġerixxa, jekk jistax isir xi ħaġa *online*. Kien hemm qbil. Is-Sur Baskal Saliba rtira minn din id-diskussjoni ħabba li kien wieħed mill-għalliema s-sena ta' qabel.

13.3.22 Is-Sindku semma ukoll il-manutenzjoni tal-latrini pubbliċi, dik il-ġdida tax-Xwejni u dik ta' taħt ix-Xifer. Hu informa li mill-Ministeru lesti li jkopru ukoll dawn mas-servizz li qed jagħtu għal-latrini pubbliċi l-oħrajn ġo Marsalforn. Hu qal li l-kont li jibgħatulna l-Ministeru hu orħos. Il-Viċi Sindku tenniet li fejn nistgħu niffrankaw xi ħaġa dejjem aħjar. Is-Sur Baskal Saliba ssuġġerixxa biex noħorġu kwotazzjoni jew tender. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li l-Kunsill jibgħat għal stima mingħand il-Ministeru għal Għawdex.

13.3.23 Is-Sindku nforma li rigward permessi ta' divertiment, għalissa mhux se jinħarġu permessi. Kien hemm qbil li din is-sena ma' joħorġux permessi ta' divertiment. Is-Sur Daniel Cordina saħaq li l-Kunsill jista' joħorġ permessi bħal dawn imma jkun irresponsabbli jekk jagħmel hekk f'din is-sitwazzjoni li qegħdin fiha.

13.3.24 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li fl-aħħar jiem kien hemm żewġ appelli fuq applikazzjonijiet tal-PA, dik ta' Kenneth Cutajar (PA 5514/19 & APP 474/19) u dik ta' Karistu Grech (PA 8021/19 & APP 106/20). Fuq ta' Kenneth Cutajar, is-Sindku tenna li l-Kunsill la hu kontra u lanqas favur. Se joqgħod għad-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Perit informa l-Kunsill li dan l-appell ġie differit għat-22 ta' Settembru 2020. Is-Sur Daniel Cordina nsista u appella lill-Awtoritajiet biex applikazzjonijiet ta' tisbiħ naturali bħal dawn, jingħataw l-permess. Is-Sindku wieġeb, li l-Kunsill jimxi ma' dak li jiddeċiedu l-awtoritajiet. Fuq l-appell ta' l-applikazzjoni ta' Karistu Grech, is-Sindku tenna, li l-Kunsill mhux xi awtorita' li jiddeċiedi joħroġx il-permess jew le. Il-Kunsill qed jidħol ġo ballun u jitfegħuna min-naħħa għal oħra. Kien hemm qbil fuq dan. Is-Sur Daniel Cordina tenna li s-sens komun l-awtorita' taf tarah biżżejjed. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma' setax jinjora madwar tnax-il persuna. Il-Kunsill irid isemma leħnu wkoll għar-residenti, imma fl-aħħar mill-aħħar, id-deċiżjoni l-awtorita' trid teħodha. Il-Viċi Sindku Dott Marlene Cini staqsiet kif baqgħu? Is-Sindku wieġeb li ġiet differita għal-24 ta' Settembru 2020.

13.3.25 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva email mingħand Is-Sur D. Busuttil mid-Dipartiment, fuq il-problema ta' triq li qed iżżomm l-ilma quddiem ir-residenza 'Opal', Triq il-Ponta, Żebbuġ. Is-Sur Sindku talab li tinqara din l-email. Hu staqsa jekk id-Direttur hux ikkuppjat. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li d-Direttur mhux ikkuppjat. Is-Sindku talab biex il-Kunsill jagħmel appuntament mad-Direttur u l-Ministru José Herrera. Is-Sur Baskal Saliba qal li jaqbel li jsiru dawn l-appuntamenti, imma tenna li wasal iż-żmien biex tissolva din il-problema darba għal dejjem. Is-Sindku wieġeb li hemm toroq li għadhom bla asfaltar u bit-torba. Is-Sur Baskal Saliba qal li kien hawn ilmenti li saru din is-sena u ġa saru, filwaqt li dan l-ilment ilu għaxar snin u kien approvat kemm il-darba. Is-Sur Nicky Saliba wieġeb li vera li dan l-ilment ilu li sar minn 2010 imma jħoss li hawn xogħol urġenti u toroq aktar urġenti u agħar minn din it-triq kemm fiż-Żebbuġ u kemm f'Marsalforn, bħalma hi l-parti ta' triq bit-trab quddiem ta' Kevin Sultana fi Triq il-Ponta. Hu kompla billi qal li d-Dipartiment ġa jaf b'din l-affari u għalhekk se jerġa jitkellem mad-Dipartiment u mal-Ministru l-ġdid tal-Kunsilli Lokali, ħalli jekk ikun irid jagħti l-flus għal din it-triq, issir. Wara battibekk bejn is-Sur Baskal Saliba u s-Sur Nicky Saliba, l-istess Sindku tenna li għalih mhux problema li jissemma l-ħajt tas-

sejjiegħ li ġie msejjaħ il-ħajt tas-sindku minn ċertu nies. Jitħallew in-nies jitfgħu ngħaġ u fniek mejtin wara l-ħajt? staqsa. Is-Sur Baskal Saliba qal li din it-triq ilha biex issir, imma residenti oħrajn ġew moqdija. Is-Sur Nicky Saliba reġa' tenna li jekk il-Ministru jtina l-flus, issir u għamilha ċara li mhux kontra li ma ssirx imma hemm toroq agħar minn din it-triq. Is-Sur Daniel Cordina qal li jaqbel li hemm toroq li huma aktar urġenti li għandhom isiru illum qabel għada u tenna li hu fit-triq bit-trab ma jgħix. Is-Sur Cordina kompla billi qal li din l-issue ilha mil-2010, u dakinhar it-toroq kienu taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill Lokali. Hu qal li illum it-toroq huma taħt il-responsabbilita' tal-Gvern Ċentrali. Hu qal li jaqbel li jsir appuntament mad-Dipartiment u l-Ministru mill-aktar fis, nfehmuh is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u nimxu minn hemm. Il-Viċi Sindku rrimarkat li meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill tkun sewwa, tista' ssir u qatt ma ntqal li din it-triq ma ssirx meta s-sitwazzjoni finanzjara tkun tajba. Is-Sur Daniel Cordina wieġeb biex ma npittrux is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill daqshekk gravi.

13.3.26 Fuq il-proġett ta' Triq Għajn Mhelhel, is-Sindku tenna li għamel kuntatt mal-kuntrattur u għandu jibda dalwaqt. Is-Sindku qal li l-kuntrattur infurmah li se jlesti x-Xlendi u jkompli hemm. Is-Sur Daniel Cordina staqsa jekk tħallasx? Is-Sindku wieġeb li le, u mhux se jitħallas qabel ma' tkun lesta t-triq.

13.3.27 Is-Sindku nforma li f'dawn il-jiem tpoġġiet xibka fuq is-sies, li din se tiġi spranjata kulur *terracota* u mhux se tkun tidher. Is-Sur Baskal Saliba informa li dakinhar kien hemm ħabta bejn żewġ karozzi. Is-Sindku wieġeb li tal-Ministeru għal Għawdex kellhom jaraw li hemm l-uffiċċjali ta' Transport Malta u reġa' ma kienux hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill avża kemm il-darba lil Ministeru għal Għawdex biex ikun hemm l-uffiċċjali ta' Transport Malta.

## 13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

13.4.1 Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:

- Talbet biex isir xi *patching* ta' xi ħofor fi Triq Għajn Mhelhel mill-Knisja l'isfel. Kien hemm qbil.
- Issuġġeriet biex il-Kunsill jagħmel talba lis-Sezzjoni tal-*Beaches* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex isir it-tindif ta' l-*islipway*

tax-Xwejni, jitwitta r-ramel fil-bajja tax-Xwejni u l-Kunsill iwaħħal tabella *Caution – Slippery Surface* ħdejn l-islipway tax-Xwejni. Is-Sindku wieġeb biex nagħmlu talba lil Ministeru u l-Kunsill jagħmel it-tabella. Hu qal li tajjeb li ma' dawn jiżdiedu ukoll t-tindif ta' l-islipway tal-Qbajjar u ta' Triq il-Qolla l-Bajda. Is-Sur Daniel Cordina żied biex nitolbu ukoll biex titnaddaf l-alka. Kien hemm qbil fuq it-temi t'hawn fuq.

- Issuġġeriet biex il-Kunsill jagħmel talba lis-Sezzjoni tal-*Beaches* biex fil-bajja ta' Għar Qawqla jitpoġġew il-*bins*, jitniżżlu s-slielem u jittranġa s-*salva uomo* li tqatta bil-maltemp. Is-Sindku wieġeb li dawn kull sena jitniżżlu. Kien hemm qbil.
- Issuġġeriet li l-Kunsill jerġa' jkellem lil ta' l-*animal welfare* minħabba l-problema ta' tiġieġ jiġru f'żona fi Triq is-Sajjied; li tinħasel din il-parti tat-triq u li jinbidel l-bank. Kien hemm qbil.
- Talbet aġġornamet fuq il-bagi ta' ħdejn il-Qolla l-Bajda (ħdejn it-Torri). Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għad m'għandux risposta. Talab biex l-Kunsill jerġa jibgħat biex dawn isir mill-aktar fis possibli biex in-nies titqassam fit-tlett bajjiet. Kien hemm qbil.
- Talbet biex isir *floodlight* temporanju fi Triq il-Port quddiem il-bar *Mellos*. Kien hemm qbil li jitwaħħal wieħed.

13.4.2 Il-Kunsillier s-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

- Ippropona li biex jiġi nstallat *galvanised railing* mat-taraġ li hemm f'Daħlet l-Għerejjex u li jinksew u jintlew it-toqob li hemm f'dan it-taraġ. Kien hemm qbil.
- Ippropona li kull qoxra li għandha ħabel fil-Menqa, Marsalforn tiġi rreġistrata, ħalli jkun evitat ħafna ġlied. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel talba lil Transport Malta.
- Talab li jsir *floodlight* quddiem ir-restaurant *Mellos*. Is-Sindku wieġeb li din ġa ġiet diskussa qabel.
- Xtaq jiġbed l-attenzjoni ta' dawk preżenti, mhux għal ġlied imma għal prinċipju, li waslitlu informazzjoni li ċertu xogħlijiet li qed jiġu deċiżi mill-Kunsill u li l-Kunsill jibgħat t-talba lil Ministeru għal Għawdex għax jaqgħu taħt ir-responsabilita' tal-Ministeru għal Għawdex, minn dan ta' l-aħħar qed issir telefonata lil individwu li jkun ressaq l-ilment lil-Kunsill, biex iċempel lil ċertu kunsillier jew kunsilliera li qiegħed jew qegħda preżenti, għax dan il-kunsillier iħoll u jorbot. Hu kompla billi qal li jekk dan kollu hu vera, jikkundanna dan il-paroli li qed isir

minn ġol-Ministeru għax mhix attitudni li ilment ta' resident li kien ressaq hu, iċemplu lil ċertu kunsillera biex jirrangrazzjah għax-xogħol li qed isir mill-Ministeru. Is-Sindku wieġeb li jekk dan kollu hu vera, hu ma jafx bih, u lilu ma' ċempillu ħadd u ma bagħat lil ħadd. Is-Sinjura Sandra Grech stqarret li jekk dan vera, tikkundanna dan il-każ. Is-Sur Cordina qal li t-trasparenza mar-residenti trid tkun waħda onesta u jekk dak li jkun huwa proġett tal-Ministeru, nkunu sinċiera mar-resident, li qed nistennew mill-Ministeru. Hu qal li jaħseb li ma jkunx ġust għall-Kunsill. Hu kompla billi qal li kulħadd induna li din hi l-aktar sena li qed jieħu pjaċir jaħdem ma' kulħadd. Is-Sur Nicky Saliba talab biex ma' jitħalliex jidħol dud ġol-Kunsill. Is-Sur Daniel Cordina kompla billi qal li hu mhux qed iwaħħal f'xi kunsilliera jew fil-Kunsill imma jikkundanna l-aġir mill-Ministeru għal Għawdex.

13.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

- Talbet għall-aġġornament fuq iż-*zebra crossing* ta' Triq il-Qbajjar. Is-Sindku wieġeb li se niltaqgħu fuq il-post ma' Transport Malta u naraw eżatt x'se jiġri.
- Talbet aġġornament fuq il-*parking* spaces ta' Triq ix-Xagħra u Triq Għar Qawlqa. Is-Sindku wieġeb li għadna nistennew mingħand il-Perit.
- Issuġġeriet li Triq il-Port terġa tingħalaq fil-ħinijet tas-soltu għal-ġranet tas-Sajf għax il-karozzi għadhom jidħlu. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu talba lil Pulizijia. Kien hemm qbil.
- Talbet biex isir *patching* fi Triq il-Qbajjar qabel ma tingħalaq *One Way*. Is-Sindku wieġeb li din it-tema ġa ġiet diskussa aktar il quddiem.
- Issuġġeriet biex bħala Kunsill jibgħat talba lil MTA jew lil ERRC u l-MTA għal *beach supervisor* għal xi emerġenza għax f'dik iż-żona ma hemmx. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu talba u naraw x'jistgħu joffru. Kien hemm qbil.
- Infurmat li għandha talba għall-bankina ġdida, minn resident; quddiem 126, Triq Santa Marija, Marsalforn. Kien hemm qbil li tibgħat id-dettalji ta' din il-persuna u *site plan* u nibgħatu talba lil Ministeru għal Għawdex.
- Infurmat li hemm xi terrapien ħdejn l-*spring board*. Is-Sindku wieġeb li għaddej xi xogħol privat u dak hu privat.

- Infurmat li qed ikollha talbiet għal-rampa ħabba l-*pushers* tat-tfal fi Triq Barda ħdejn l-uffiċċju tal-FSWS Għawdex. Is-Sindku wieġeb li din it-tema ġa konna tkellemna fuqha u li ma tistax issir.
- Tissuġġerixxi li jitwaħħlu tabelli, minħabba l-ammont kbir ta' ħmieġ tal-klieb fi Triq Barda sa Triq in-Naħla. Kien hemm qbil. Is-Sindku tenna ukoll li talab lir-Reġjun għal aktar infuzar speċjalment fuq il-borża s-sewda ġewwa Marsalforn.
- Issuġġeriet li l-ħajt quddiem il-toqba kbira għal bini li hemm fi Triq Barda, jitla filata oħra għax hu ta' periklu. Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini tenniet li ġa kienet talbitha. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jkellem lis-sid.
- Infurmat lil dawk preżenti li qed ikollha diversi ilmenti minħabba l-qtugħ tad-dawl frekwenti li qed ikun hemm. F'dawn iż-żminijiet ikun hemm l-istudenti jagħmlu l-eżamijiet u din is-sena hi partikolari għax qed isiru mid-dar. Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lil Enemalta biex jekk jistgħu x-xogħlijiet ilaqqewhom. Kien hemm qbil.
- Issuġġeriet li jsiru aktar *bins* speċjalment ħdejn il-*breakwater.* Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba wieġeb li mal-bajjiet isiru s-soltu jsiru tankijiet mill-MGOZ u għadu ma' niżluhomx. Kien hemm qbil li nagħmlu talba lis-Sezzjoni tal-*Beach Cleaning*.
- Talbet li fejn ikun jilgħabu t-tomba jsir bank u *rubbish* bin. Is-Sur Daniel Cordina tenna li għandna noqgħodu attenti għax naqilgħu problemi ma' nies oħra. Kien hemm qbil li jsir *bin* biss.
- Talbet aġġornament fuq it-taraġ tal-*mosaic.* Is-Segretarju Eżektuttiv wieġeb li reġa' tkellem mas-Sinjura Mary Portelli li bagħtitlu l-aħħar dettalji avolja għadu ma' ġiex *launched* min-naħħa tagħha. Qed jistenna mingħand il-Perit tal-Kunsill jekk hemmx bżonn xi pemessi.
- Infurmat lil Kunsill li ġiet avviċinata minn Helen Farrugia kellha rampa ħdejn il-Bajja tax-Xwejni u nqaletilha bil-maltemp. Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba wieġeb biex nkellmu lir-residenta għal aktar dettalji, u jekk tista' ssir, ssir. Kien hemm qbil.
- Infurmat li qed ikollha diversi ilmenti li kuntratturi waqt u wara li jkunu qed jibnu qed iħallu ħafna trab u ħmieġ u ma jaħslux warajhom. Is-Sur Daniel Cordina wieġeb li suppost jirrapurtaw lill-Awtorita' konċernata. Is-Sur Nicky Saliba ssuġġerixxa li l-Kunsill idaħħal il-kunċett ta' *refundable deposit* ta' €50 bħall-

Kunsill ta' l-Gharb. Jinżel l-ħaddiem jiċċekja x'ħin ikun lest u jekk jara li kollox sew, jingħata d-deposit lura. Se nidħlu f'aktar spejjeż ħabba l-ħaddiem. Is-Sur Baskal Saliba qal li importanti li jiġi emendat il-permess. Kien hemm qbil fuq dan.

- Talbet għal aktar rondi tal-Pulizija. Kien hemm qbil li nibgħat *reminder* lil Pulizijia.
- Qalet li daħlulha xi ilmenti minħabba li ngħalaq l-aċċess għall-baħar taħt Triq Santa Marija, fejn qed isiru x-xogħlijiet. Is-Sindku wieġeb li dak l-aċċess ingħalaq biex jiġi evitat xi inċident jew periklu.
- Talbet aġġornament fuq il-*gazebos* tal-Qbajjar Promenade. Is-Sindku wieġeb li x-xogħol qed isir mill-Ministeru għal Għawdex.
- Talbet aġġornamet fuq ir-*railing* ta' Triq Għar Qawqla. Is-Sindku wieġeb li ġa ssemma aktar il quddiem.
- Talbet aktar informazzjoni fuq il-kaxxi tal-klieb li ssemmgħu fuq il-medja. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ma ġie nfurmat b'xejn.

13.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

- Informa lil dawk preżenti li hemm rampa mkissra quddiem ir-residenza 74, Triq Skapuċċina. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li tiżdied mal-lista ta' bankini pendenti li jridu jsir mit-tender tal-bankini.
- Talab għal bozza ġdida fl-isqaq li hem fuq in-naħħa tax-xellug, int u tiela' minn Triq Għajn Mhelhel. Hu qal li probabli jrid isir xi arblu ġdid. Kien hemm qbil li ssir talba lil kuntrattur u lil Enemalta biex issir bozza ġdida f'dan l-isqaq.
- Talab biex jitnaddaf il-passaġġ ta' Qaċċat miż-żibel u l-ħaxix. Kien hemm qbil fuq dan.
- Staqsa jekk il-*bollards* li hemm fi Triq Oniċi jistax isir dawl ġo fihom. Is-Sindku wieġeb dawk kienu saru fl-ewwel kunsill. Il-problema hi li parti minnhom jinxtgħelu mill-flattijet ta' hemm stess, u meta ġew biex jiżdiedu dawk ta' barra, l-inġinier ta' l-Enemalta m'aċċettax li jingħaddu cable minn ġol-*bollards* biex jingħataw d-dawl. Is-Sindku ssuġġerixxa biex nkellmu lil kuntrattur Conrad Formosa li jaf dwarhom u naraw x'jista' jsir. Kien hemm qbil li l-Kunsill jara kif jistgħu jinxtegħlu.
- Staqsa x'se jiġri fuq il-*maintenance* tal-Latrina l-ġdida. Is-Sindku wieġeb li din it-tema ġa ġiet diskussa qabel.
- Tenna l-prosit tiegħu għax-xogħol li qed isir biex jitneħħa l-

periklu mis-sies fi Triq iż-Żebbuġ. Hu nforma li waqa' xi ġebel kbir fil-passaġġ li kellu jitnaddaf. Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba wieġeb li ġa kellem u nforma lil Perit Shaun tal-Ministeru.

- Talab biex issir aktar pressjoni biex jineħħa l-ġebel perikoluż minn fuq l-għerien tax-Xwejni. Is-Sindku wieġeb li dakinhar mela d-dokument u bagħtnihom lil Ministeru għal Għawdex biex jibdew ix-xogħlijiet.
- Talab biex il-Kunsill jerġa jagħmel talba lil Ministeru għal Għawdex biex isir xi tip ta' *floodlight* fil-parti l-mudlama tal-parking ġewwa Marsalforn. Hu ssuġġerixxa li jekk sa' laqgħa oħra ma' jsir xejn min-naħħa tal-Ministeru, jistax l-Kunsill iwaħħal *floodlight* temporanja. Billi dan is-Sajf mhux ser isiru festi, in-nies se jinġabru f'postijiet bħal Marsalforn. Is- Sindku wieġeb biex nerġgħu nagħmlu talba lil Ministeru, u jekk ma jsir xejn sa laqgħa oħra, jsiru mill-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.

## 13.5 Approvazzjoni ta' l-*Audited Financial Statements 2019*

13.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*audited financial statements* għas-sena 2019. Preżenti għal-laqgħa kien hemm ukoll l-*accountant* tal-Kunsill. Hu informa li ġew rifeduti l-aħħar numri tal-Mizura 4.3, biex b'hekk ikunu aktar maqbulin mal-*Paying Agency*. Hu tenna li s-sena 2019 il-Kunsill għalaqha b'telf ta' madwar €30,000 u fl-aħħar tas-sena id-dejn niżel minn madwar €135,000 għal €105,000.

13.5.2 Wara diskussjoni bejn dawk preżenti l-*audited financial statements 2019* ġew approvati unanimament.

## 13.6 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti: *Works Tender for the Restoration of Rubble Walls at Triq Tas-Sagħtrija, Żebbuġ, Gozo*

13.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti din kienet it-tieni darba li ħareg dan it-tender. Kien ħames sottomissjonijiet. Wara li l-bord evalwa s-sottomissjonijiet kollha, sab li ż-żewġ offerenti li kienu *underbugdet* ma' kienux *compliant.* Il-bord sab ukoll li t-tlett sottomissjonijiet l-oħra, li kienu kollha *compliant,* kienu kollha *overbudget.* Il-bord issuġġerixxa li la darba dawk *compliant* kienu

*overbudget*, it-tender jerġa' jaqa'. Is-Sindku wieġeb li la darba dan ħareġ it-tieni darba u l-offerenti reġa' kienu *overbudget*, nitolbu lil *Managing Authority*, nfehmuha bis-sitwazzjoni kif inhi, u nistaqsuha jekk jistgħux jagħtuna aktar fondi. Jekk mhux lesti li jtuna aktar fondi ssir talba biex jittranġa t-tul ta' ħitan tas-sejjiegħ bil-*budget* li għandna allokat. Kien hemm qbil li tintbagħat talba lil *Managing Authority* tal-Miżura 4.4.

## 13.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

13.7.1 Korrispondenza mill-Uffiċċju tal-Kultura MGOZ – *Gozo-Unity in Creativity* – Mid-Dinja tal-Artist/From the Artist's World. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.2 Korrispondenza GAG – *EU "Smart Villages" Initiative - Update.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.3 Korrispondenza DLG – *EU & International Affairs Unit – Open Call for Proposals for Capitalisation Projects under the ENI CBC Med Sea Basin Programme 2014-2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.4 Korrispondenza DLG – *EU & International Affairs Unit – Intelligent Cities Challenge (ICC) - Call for Expressions of Interest.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.5 Ċirkulari AKL 2020/052 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv (emendati) Laqgħa tal-Eżekuttiv 32. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.6 Ċirkulari DLG 5/2020 – *CoronaVirus* – Miżuri ta' Prekawzjoni V4. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.7 Ċirkulari AKL 2020/39 Binjiet mixgħula ħomor – Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm – 14 ta' Ġunju. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.8 Ċirkulari AKL 2020/54 – *Free online course for ALDA's members – Register now!.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.9 Ċirkulari AKL 2020/54 – *Promotion of Aġenzija Żgħażagħ Services beat.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.10 Ċirkulari mingħand NCPE – *NCPE Newsletter – Issue 13.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.13 Ċirkulari AKL 2020/55 – Ittra mibgħuta lill-Ministeri u Entitajiet ikkonċernati rigward il-problema fuq il-ġbir ta' skart riċiklabbli. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.12 Ċirkulari AKL 2020/57 – Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjeta' – Webinar – Il-pandemija tal-COVID-19 u kif l-imxija tagħha impattat il-benesseru tan-nies f'Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.13 Ċirkulari MEUSAC – *Keeping you informed: The EU tackling COVID-19 – Issue 6.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.14 Korrispondenza DLG – *EU & International Affairs Unit – Information about upcoming 2020 CP-CITIES webinar and reminder about the ICC's deadline for EoIs.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.15 Ċirkulari Aġenzija Sapport – *Webinar 6: Identifying and dealing with stress and Anxiety during Covid-19.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.16 Ċirkulari AKL 2020/58 – Applikazzjoni għall-*EPOS machines.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

13.7.17 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex – Proposta għall-Offerti Reġjonali – *Contracts Manager u Preventive & Routine Maintenance Contractor* responsabbli mid-*Decorative Lights* u Dwal ieħor tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li fejn jidħlu *decorative lighting* mhux se jidħol għal din il-proposta.

13.7.18 Korrispondenza mingħand Dr. J. Mintoff dwar *Agreement* bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorita' tal-Artijiet, fuq *Data Protection* u *GDPR* fuq ipproċessar ta' pagamenti għan-nom tal-Awtorita' tal-Artijiet. Kien hemm qbil li jiġi ffirmat dan *l-agreement.*

13.7.19

Korrispondenza mingħand SixthEnergyMalta, b'rapport fuq l-impatt taż-żibel u l-istat tat-toroq fiż-Żebbuġ u Marsalforn. Kien hemm qbil li jintela bħas-soltu.

13.7.20 Ilment Nru. 27/2020 – G. M. Tabone
Issuġġerixxa li l-irħama li hemm fi Triq ix-Xwejni, li tonora lil Nicky Farrugia, titmexxa f'post aktar prominenti u jiġu nstallati aktar tabelli ta' informazzjoni fuq ix-Xwejni. Ma kienx hemm qbil li din l-irħama titħarrek minn fejn hi.

13.7.21 Ilment Nru. 28/2020 – O. Gatt
Qed tilmenta li hemm bżonn *rubbish bin* u *dog bin* fil-Wied ta' Marsalforn il-ġewwa. Kien hemm qbil li l-Kunsill jinstalla *rubbish bin* biss fi Triq il-Wied.

13.7.22 Ilment Nru. 29/2020 – F. Grech
Qed jitlob biex issir rampa quddiem 'Don Bosco', Triq il-Wied, Marsalforn. Il-post huma ġdid. Is-Sindku wieġeb li billi huwa post ġdid nibgħatu talba lil Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil.

13.7.23 Ilment Nru. 30/2020 – R. Agius obo N. Calleja
Qed jitlob biex isir *disabled parking* kif indikat fis-site plan, fi Triq Santa Marija, Marsalforn. Is-Sindku staqsa fuq liema indirizz għandu l-karta' ta' l-Identita'. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li mhix fuq Marsalforn. Kien hemm qbil li ngħaddu din it-talba lil *Transport Malta.*

13.7.24 Ilment Nru. 31/2020 – S. Dimech
Qed jitlob biex terġa ssir tabella fil-bidu ta' Triq Wied l-Infern li tindika biex ma' jaħslux trakkijiet tas-siment hemm, għax qed jidħol l-ilma bis-siment ġol-bir tiegħu. Kien hemm qbil li ssir tabella u titwaħħal ma' waħda minn dawk il-blokki li hemm fil-post.

13.7.25 Ilment Nru. 32/2020 – E. Vella
Qed titlob biex issir titranġa bankina eżistenti quddiem l-appartamenti 'Marienne Flats', Triq il-Forn, Marsalforn. Kien hemm qbil li tiżdied mal-lista ta' bankini pendenti li jridu jsiru mit-tender.

13.7.26 Ilment Nru. 33/2020 – M. S. Borg
Qed titlob biex isir disabled parking bay quddiem l-indirizz 26, Triq Skapuċċina, Żebbuġ, Għawdex. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ftit qabel ma bdiet il-laqgħa, dan l-ilment ġie irtirat. Is-Sindku wieġeb li din it-triq kienet ġa ġiet diskussa fil-Kunsill ta' qabel u kienet daħlet lil Kunsill f'inkwiet. Is-Sur Daniel Cordina qal li din it-triq kienet *issue* li

kienet firdet kunsill kollu. Is-Sur Nicky Saliba tenna li l-posizzjoni tiegħu fuq din it-triq kif kien qal f'Kunsill ieħor, hi li mhux se jieħu posizzjoni fuqha u jastjeni. Il-Viċi Sindku Dott Marlene Cini xtaqet tiċċara li hemm hekk għandha familjari u allura mhux se tieħu l-ebda posizzjoni fuqha. Is-Sindku qal li jekk ikollna talba oħra simili għal xi kaxxa jew għal xi sinjali ġa tafu l-posizzjoni tiegħu x'inhi. Is-Sur Baskal Saliba qal li hu wkoll għandu familjari joqgħodu hemm. Imma xtaq jistaqsi li talbiet bħal dawn jekk ikollok garaxx, il-liġi hija ċara. Is-Sindku wieġeb li tintbgħat it-talba lil Transport Malta u tiddeċiedi Transport Malta. Is-Sindku qal li ried nagħtu kas ukoll il-posizzjoni tat-triq kif inhi, jekk għandek triq wiesa xi għoxrin pied mod, u jekk għandek triq wiesa xi ħamsin pied mod ieħor. Is-Sur Daniel Cordina xtaq jiċċara li l-liġi tgħidlek li biex tkun intitolat għal *disabled parking* ma jridx ikollok garaxx u li t-triq trid tkun addattata biex issir il-kaxxa. Hu kompla billi qal li fil-passat il-Kunsill ġa kellu talbiet simili u Transport Malta ħadet deċiżjoni li applikant li għandu garaxx ma tatux il-permess u m'awtorizzatx il-kaxxa. Hu kompla billi qal li din it-triq kienet kruċjali għall-inkwiet bejn il-kunsilliera f'kunsilli preċedenti. Kienet saret pjanta bil-perit tal-kunsill, marret quddiem Transport Malta, u Transport Malta awtorizzat il-pjanta tal-perit tal-Kunsill. Kull kas li jerġa jkollna f'dik it-triq huwa kapitlu magħluq. Hu kompla billi qal li hu kien wieħed minn dawk li nsista għas-sinjali, u ma kienx jaf x'hemm f'dik it-triq. Xi drabi n-nies ikunu jafu x'hemm, u jinqdew bil-kunsilliera. Hu ċċara li fuq din it-talba l-Kunsill mhu jieħu l-ebda posizzjoni peress li ġiet irtirata. Is-Sindku tenna li l-Kunsill irid ikun magħqud u staqsa lil kunsilliera biex jieħdu stand fuq din it-triq ,jekk ikun hemm xi talba oħra: Il-Viċi Sindku tenniet li hi qed tastjeni; Is-Sur Daniel Cordina qal li l-posizzjoni ta' dik it-triq hija ċara, u jivvota kontra; is-Sinjura Sandra Grech tenniet li hi qed tastjeni ukoll għax fil-kunsill ta' qabel din it-triq ħlief inkwiet ma' ġabitx. Is-Sur Daniel Cordina tenna li l-Kunsill għandu jirringrazzja lil dan l-applikant li fehem il-punt, rebħet ir-raguni u rtira din l-applikazzjoni. Is-Sur Baskal Saliba staqsa jekk kien hemm xi raġuni fuq l-ittra. Is-Segretarju Eżekuttiv reġa' qara l-ittra u ndika li ma kien hemm l-ebda raġuni mniżżla.

13.7.27 Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ħarġet mil-laqgħa fit-7.50pm.

13.7.28 Ilment Nru. 34/2020 – P. Pisani
Qed jitlob biex jitkomplu jinżebħu l-*parking bays* ma' l-art fi Triq Oniċi,

fejn tneħħa t-trakk li kien ilu pparkjat għal ħafna żmien. Kien hemm qbil.

13.7.29 Ilment – J. Zammit
Qed jitlob li l-ħajt li hemm fi Triq is-Sagħtrija jitgħolla b'filata. Kien hemm qbil. Is-Sur Baskal Saliba żied li fejn kien waqa dak il-ħajt fl-istess triq, issuġġerixxa biex isir ftit siment fuqu. Kien hemm qbil.

## 13.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 11/2020 għall-perjodu bejn il-21 ta' April 2020 u t-22 ta' Mejju 2020 li tammonta għal €56,177.02 ġiet approvata u ffirmata.

## 13.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 23 ta' Ġunju 2020 fil-5.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 23 ta' Ġunju 2020.

Nicky Saliba
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv